MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2007

Talba Numru. 155/2005

**Avviz 155/05**

**Fogg Insurance Agencies Limited (C 597) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Ramon Gauci abbazi tal-polza ta` assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* u tal-ligi u l-istess Ramon Gauci**

**-vs-**

**Roberta Farrugia**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-Talba li biha l-atturi talbu li l-konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta` mitejn u ghaxar liri Maltin u erbghin cetenzmu (Lm210.40c) rapprezentanti danni sofferti mill-attur Ramon Gauci assigurat mas-socjeta` Fogg Insurance Agencies Limited nomine u li

ghalihom ghamlu tajjeb, kwantu ghall-ammont ta` mija u hamsa u tmenin lira Maltin u erbghin centezmu (Lm185.40c) li s-socjeta` attrici Fogg Insurance Agencies Limited u kwantu ghal hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) lil Ramon Gauci li inghata l-*excess*, bhala rizultat ta` incident awtomobilistiku li sehh fis-27 ta` Novembru 2003 ghall-habta ta` 4.20pm gewwa Hal Far limiti ta` Birzebbugia bejn il-vettura tal-attur Ramon Gauci bin-numru ta` registrazzjni RAM121 u l-vettura misjuqa mill-konvenuta bin-numru ta` registrazzjoni LAF547 liema incident sehh unikament b'rizultat ta` traskuragni, negligenza, imperiza u non-osservanza tar-regolament tat-traffiku da parti tal-konvenuta.

Ra r-risposta tal-konvenuta li biha wiegbet illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontrihom stante li l-incident in kwistjoni l-konvenuta ma kellha l-ebda tort.

Sema x-xhieda ta` PC 626 Giancarlo Benetti, Ramon Gauci u Roberta Farrugia.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema` t-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkonsidra**

Illi din il-kawza tirrigwarda kollizzjoni li saret fis-27 ta` Novembru 2003 bejn il-vettura bin-numru ta` registrazzjoni LAF547 misjuqa minn Roberta Farrugia u l-vettura bin-numru ta` registrazzjoni RAM121 misjuqa minn Ramon Gauci. Il-kollizzjoni grat f'Hal Far limiti ta` Birzebbugia. Sa hemmhekk m'hemmx kwistjonijiet. Pero` hemm problemi serji dwar kif sehh l-incident u fi x'hin gara.

Skond ir-rapport maghmul miz-zewg sewwieqa, l-incident sar fi 16:20 u li skond huma l-incident sehh hekk

"Drivers statement

Car Number LAF547
She stated that she was parked and when she reversed to get out she didn't see vehicle REM121 and the collision occurred.

Car Number REM121
He stated that he was going to enter a parking and driver of vehicle LAF547 reversed on him and the collision occurred."

Mill-provi prodotti pero` jirrizulta illi attwalment l-incident kien sehh filghodu u li z-zewg sewwieqa rraportaw l-incident fit-tard u ghalkemm kienu jafu li r-rapport qed jitnizzel kif fuq premess, it-tnejn li huma jammettu li l-incident kien sehh filghodu.

Illi inoltre, hemm problema ohra serja dwar id-dinamika li tat lok ghall-incident. Minn ezami tar-rapport wiehed jifhem illi l-incident sehh waqt li kienet il-konvenut qieghda tirriversja u li hi kienet irriversjat fuq il-vettura ta` Gauci.

Quddiem dan t-Tribunal Gauci xehed hekk

"Kont qed insuq bil-quddiem, biex inhares 'il quddiem. Jien u diehel biex nipparkja kien hemm karozza li kienet *double-parked* u fl-istess hin li jien kont diehel irriversjat lura u b'hekk saret il-habta. Jiena ridt nipparkja 90$^o$ *to the curve*, jigi inhares lejn il-bini u mhux magenb il-bini. Jien kont diehel go *parking space* u l-karozza li kienet *double-parked* irriversjat u laqtitni fuq in-naha tal-passiggier. Hi kienet ipparkjata *parallel to the curve*."

Din il-verzjoni pjuttost taqbel mar-rapport.

Illi meta xehdet il-konvenuta, hija xehdet li attwalment hija kienet ipparkjata gewwa *parking area* 'il gewwa mit-triq. Go dan il-*parking area* l-ispazju huwa ristrett u l-karozzi jipparkjaw iharsu 'l gewwa u jkun hemm zewg ringili ta` vetturi. Ir-ringila ta` wara attwalment tkun qieghda timblokka r-ringila ta` quddiem u lkoll ikunu qieghdin jippuntaw 'il gewwa lejn il-bini, jigifieri 90$^o$ mat-triq.

Gauci xehed li attwalment il-konvenuta kienet ipparkjata *parallel* mat-triq u mhux $90^o$ mat-triq. Farrugia xehedet li fil-hin ta l-incident kemm hie kif wkoll Gauci kienu qed jirriversjaw u li ma rax lill xulxin. Gauci xehed li l-konvenuta biss kienet qed tirriversja.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi mid-*demeanour* tal-konvenuta waqt li hija kienet qieghda tixhed u anke mix-xhieda taghha, li l-verzjoni li hija tat fuq il-pedana tax-xhieda quddiem dan it-Tribunal hija vero simili. Huwa similment konvint li l-verzjoni moghtija minn Gauci ma tikkombacjax mal-verita.

Jirrizulta car illi l-partijiet ossia z-zewg sewwieqa ma ddikjarawx precizament lill-Pulizija la l-hin tal-incident u lanqas il-mod kif sehh l-incident. It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-incident sehh proprju ghaliex iz-zewg sewwieqa kienu qieghdin jirriversjaw. Il-konvenuta kienet qieghda tirriversja ghal fuq it-triq u hija kienet qieghda thares lura lejn in-naha tax-xellug taghha minn fejn hija kienet qed tistenna li jigi t-traffiku u fl-istess hin Gauc,i li kien wieqaf fit-triq pero` aktar ‘il quddiem minn fejn kien hemm il-karozza ta` Farrugia, kien qieghed jirriversja biex jidhol gewwa l-*parking area* mnejn kienet hierga Farrugia. Waqt li z-zewg sewwieqa qieghdin jirriversjaw huwa evidenti li huma ma nnotawx bil-manuvri rispettivi ta` xulxin u b’hekk sehhet il-kollizzjoni.

Fic-cirkostanzi kif inhuma, jidher car illi z-zewg sewwieqa li kienu qieghdin jaghmlu manuvra ta` riversjar ma kienux qieghdin izommu *a proper lookout* u ma accertawx li jistghu jaghamlu tali manuvra liberamen u minghajr ostakolu. Ghalhekk it-tnejn li huma huma responsabbli ghall-incident in kwistjoni u ghalhekk ir-responsabbilta tal-istess ghandha tinqasam ugwalment bejniethom.

Illi inoltre dan it-Tribunal irid izid illi fil-kawza odjerna Gauci huwa ko-attur flimkien mal-assikurazzjoni u wara l-incident huwa ghamel claim u l-assikurazzjoni hallset l-ispejjez kollha tieghu hlief ghall-*excess* ta` hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm25) minnu pretiz. It-Tribunal huwa sodisfatt li Gauci spjega l-incident kif spjegah sabiex

b’hekk jiggustifika l-claim. It-Tribunal ma jistghax jifhem ghaliex ghamel hekk billi, biex thallas mil-assigurazjzoni tieghu, huwa kien fully comprehensively insured u ghalhekk, irrispettivament ta’ in kien t-tort, xorta kien ser jithallas mil-assigurazjzoni tieghu. L-unika beneficcju li seta ottjena kien li ma jitlifx in-*no claim bonus*.

Illi ghalhekk dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi ghalkemm it-talba attrici ghandha tintlaqa` in parte, ghandu jkun hemm rizerva favur is-socjeta` assigurattrici attrici kontra l-ko-attur Ramon Gauci *si et quatenus*.

Ghar-rigward tal-*quantum* tad-danni, il-konvenuta xehdet illi hija dehrila li dawn huma ezagerati u dan stante illi skond hi, l-unika hsara li kellhu fil-vettura tieghu Gauci kienet ghafsa zghira. Ghalkemm it-Tribunal jemmen li l-hsara kienet minima, mid-dokument RF3 li huwa stima maghmula minn Alfred Farrugia, id-danni totali (minghajr VAT) kellhom jammontaw ghal mija u tlieta u sittin lira Maltin (Lm163) u dan kwantu ghal tlieta u ghoxrin lira Maltin (Lm23) *loss of use*, tmenin lira Maltin (Lm80) *labour* u sittin lira Maltin (Lm60) spray. Ma hemmx indikazzjoni ta` xi parts li jridu jinbiddlu. Attwalment pero` skond Dokument RF2, *spray-painting* kien ta` tmienja u erbghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm48.75c), *panel-beating* tmienja u disghin lira Maltin u sittin centezmu (Lm98.60c) – Total ta` mija u sebgha u erbghin lira Maltin u hamsa u tletin centezmu (Lm147.35c). Ma hemmx ricevuti ta‘ *loss of use*.

Hemm hdax-il lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm11.25c) ghal *spray-painting materials* u ghaxar liri Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm10.49c) ghal X Enzyne Classic L.H. li dawn ma gewx debitament spjegati lil dan it-Tribunal u ghalhekk jista` jkun il-kaz illi meta saru ix-xogholijiet, saru xogholijiet oltre minn dawk rizultanti mill-kollizjoni in kwistjoni u f’dan r-rigward t-Tribunal jidhirlu li dawn z-zewg partiti ma gewx sodisfacentement provati.

Fid-dawl tal-premess it-Tribunal qieghed jillikwida d-danni ghal mija u seba u erbghin lira Maltin u hamsa u tletin

centezmu (Lm147.35c). Maghhom wiehed irid izid sitta u ghoxrin lira Maltin u tnejn u hamsin centezmu (Lm26.62c) VAT biex b'hekk jigi total ta` mija u tlieta u sebghin lira Maltin u seba u tmenin centezmu (Lm173.87c) u li ghalhekk minn dan l-ammont, il-konvenuta ghandha thallas nofshom.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi jiddikjara li l-kollizjoni in kwistjoni sehhet b'responsabbilta ugwali bejn l-attur Ramon Gauci u l-konvenuta, jillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta` mija u tlieta u sebghin lira Maltin u seba u tmenin centezmu (Lm173.87c) li nofshom huma pagabbli mill-konvenuta u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-atturi s-somma ta` sitta u tmenin lira Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm86.93c) bl-interessi li jibdew jiddekorru mid-data ta` din is-sentenza. L-ispejjez tal-kawza huma bin-nofs bejn il-partijiet. Finalment in vista tal-premess, qieghda ssir rizerva favur is-socjeta` attrici fil-konfront tal-ko-attur Ramon Gauci *si et quatenus*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------